# *Villa* BIGHI



**Il-Bidu**

Wara li l-Ingliżi waslu fil-Gżejjer Maltin, l-inklużjoni ta' Malta fl-Imperu Kolonjali Ingliż ġiet formalment approvata mill-Kunsill Ingliż fl-1814 u konfermata fil-Kungress ta' Vjenna matul is-sena ta' wara.

Fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann kien ikun hemm uffiċjal li kien joqgħod għassa għad-Daħla tal-Port il-Kbir għal xi xwieni li kienu jbaħħru ġewwa fih. Dawn ix-xwieni kienu jiġu eżaminati biex jaċċertaw li ma daħlitx xi marda li kienet tittieħed. Nistgħu ngħidu li dak iż-żmien, ir-regulazzjonijiet dwar kwarantina kienu stretti ħafna u kienu skruplużi ħafna biex isegwuhom.

Fra Giovanni Bighi kien xtara biċċa art u bena villa għall-użu personali tiegħu wara li kien irtira. Fra Giovanni Bichi kien jiġi n-neputi ta' Fabio Bichi, li aktar tard sar il-Papa Alessandru VII, u li kien għamel xi żmien bħala l-inkwiżitur tal-Gżejjer Maltin bejn l-1634 u l-1639. Bichi kien fis-servizz navali tal-Ordni u eventwalment ħa l-Kmand tal-Flotta tal-Papa li kienet topera fil-Lvant mal-iskwadruni Venezjani u Maltin fil-kampanja magħrufa bħala *Candia*. Fil-kapaċità tiegħu bħala ammirall tal-Flotta tal-Papa, Bichi kien strumentali fit-twaqqif tal-isptar għall-baħrin ġewwa Civitavecchia fl-istati tal-Papa. Il-Pjanta tal-Villa saret miċ-ċelebri arkitett Lorenzo Gafà tal-Birgu u l-bini beda għal madwar is-sena 1675. Sfortunatment, Giovanni Bichi ma leħaqx ra l-bini komplut minħabba li safà vittma tal-pesta li ħakmet il-gżira fl-1676. Huwa ġie midfun fil-Kappella tas-Salvatur, il-Kalkara.

Wara il-mewt tiegħu, il-villa waqgħet taħt il-pusses tan-neputi tiegħu, il-Kavallier Fra Mario Bichi. Fl-1712, huwa poġġa' għall-bejgħ il-ġnien u l-Palazz tas-Salvatur, u l-Balliju Fra Giovanni Sigismondo Konti ta' Schaesberg ħa taħt idejh din il-propjetà. L-istess propjetà reġgħet ġiet mogħtija lill-familja Bichi fl-1718 meta kienet okkupata min Fra Giovanni Bichi ieħor, li jiġi n-neputi ta' Fra Mario. Saż-żmien li fih miet fl-1740, il-propjetà kollha ġiet magħrufa bħala *Villa Bichi* u wara l-isem ġie mdawwar għal Villa Bighi.

F'Diċembru tal-1743 il-Maġġur Paolo Passionei, li kien ġie maħtur Inkwiżitur ta' Malta, għamel perjodu ta' kwarantina, li kien infurzat fuq il-vjaġġaturi kollha dak iż-żmien, fl-istess Villa. Sa l-1763, saret ir-residenza ta' John Dodswoth, il-Konslu Ingliż ġewwa Malta. Fl-1784 l-aġent f'Malta ta' Katarina l-Kbira tar-Russja applika għand il-Granmastru Emanuel De Rohan Polduc biex idawwar *Villa Bichi* f'maħżen ta' proviżjon għall-użu tal-Flotta Russa fil-Mediterran iżda din l-applikazzjoni ġiet b'mod pulit rifjutata minħabba li l-Granmastru kellu xi suspetti oħra dwar il-pjanijiet tar-Russi rigward Malta.

Fl-1791 il-Balliju Fra Nicola Frisari akkwista il-propjetà ta' Bighi. Meta il-Franċiżi invadew Malta fl-1798, kien hemm min isostni li l-Villa ġiet okkupata għal żmien żgħir minn Napuljun Bonaparte iżda m'hemm xejn dokumentat li jgħid li l-Ġeneral Franċiż xi darba kien joqgħod hemm, u fil-fatt hemm dokumenti iktar ta'min jafda fuqhom li jsemmu *Palazzo Parisio* fi Triq il-Merkanti fil-Belt Valletta bħala r-residenza tiegħu meta il-Franċiżi kienu f'Malta.

Minħabba ir-rewwixta li għamlu l-Maltin kontra il-Franċiżi fejn dawn ġew imblukkati fil-fortifikazjonijiet tal-Belt Valletta u l-Kottonera, il-Villa ġiet abbandunata u ħafna mix-xogħol tal-injam li kien jinsab ġo fiha ġie meħud min xi individwi li kienu qed jipparteċipaw fir-rewwixta. Meta l-Ingliżi assumew il-protezzjoni tal-gżejjer fl-1800, il-villa ġiet mgħoddija f'idejn il-Gvern Ċivili, u l-propjetà bdiet tiġi mikrija lil individwi privati fuq bażi annwali.

Kien fil-fatt l-Ammiral Nelson innifsu li issuġġerixxa li Bighi kien post idejali għal sptar navali. Fl-1827, matul il-battalja ta' Navarino, kien hemm ħafna midruba kemm mill-flotta Ingliża u kif ukoll mill-flotta Russa li ġew mibgħuta lejn Malta. Infatti, kien ir-Re Ġorġ IV li ta l-permess lill-Ammiraljat li seta' jinbena sptar għal bżonnijiet tal-flotta.



**Joseph Grech**

Żgħażugħ ta' 16-il sena, jattendi l-MCAST ġewwa Raħal Ġdid fejn qed jistudja l-kors tal-Matrikola. Għalkemm jgħix Ħal Qormi, ġej minn familja Kalkariża dilettanta ferm tal-festa titulari. Preżentement jifforma parti mill-Għaqda tal-Armar.

B'hekk, is-sit ġie meħud kollu, inkluż *Villa Bichi*. Imbagħad, fit-23 ta' Marzu 1830, meta il-Ġeneral Maġġur Fred Cavendish Ponsoby kien Gvernatur ta' Malta, il-Viċi Ammirall Sir P.Malcolm poġġa l-ewwel ġebla tal-isptar il-ġdid f'Bighi.

**Il-Bini tal-Isptar Irjali Navali**

Il-magħruf tabib u kittieb Malti, Sir Temi Zammit, li iktar 'il-quddiem okkupa l-kariga ta' Rettur tal-Università u li kien l-ewwel kuratur tal-Mużew Nazzjonali Malti, fil-ktieb tiegħu fuq l-istorja ta' Malta, kiteb li "il-battalja ta' Navarino uriet l-importanza li f' Malta irid ikun hawn Sptar Navali atrezzat b'mod tajjeb." Ħafna mill-midruba ġew mibgħuta lejn Malta fuq xwieni Ingliżi u mitfugħin ġol-Forti Ricasoli. Post bħal dan ma tantx kien komdu għall-midruba wara kollox, u għalhekk l-awtoritajiet tal-Flotta Rjali finalment iddeċidew li kien hemm bżonn ċert li jiġi mibni sptar Navali.

L-isptar ta' Bighi jidher fuq għolja li tifrex lejn il-Port il-Kbir bejn il-bajja tar-Rnella u x-Xatt. Jidher li l-ewwel persuna li rreferit għall-post bħala Bighi minflok *Bichi* kienet Sir Alexander Ball fl-1799. Lord Nelson u oħrajn komplew ikissru il-kelma għall-Palazz ta' *Bughay* u anke Palazz ta' *Bugia*.

Kien ukoll Lord Nelson li ssuġġerixxa li l-Isptar Navali ġdid kellu jiġi stabilit ġewwa Bighi. L-ewwel ħsieb li kellu Nelson biex jiġi stabilit sptar Navali f'Malta jidher f'ittra datata 29 t'Awwissu 1803 miktuba fir-rebħa ġewwa Toulon. Huwa qal lil Ġeneral-Maġġur Villettes, li kien il-kmandant tat-truppi ġewwa Malta, "Jidhirli, li jekk għandna nżommu t-truppi ġewwa Malta, għandna nistabilixxu Sptar Navali attrezzat sew."

Lejn tmiem is-sena 1803 il-post ġie eżaminat mit-tabib John Snipe, fiżiċista tal-flotta, li sabu bħala l-aħjar post għall-sptar navali. Il-Villa kienet imdawra b'ħafna artijiet fi stat għoli ta' kultivazzjoni, kapaċi li tipproduċi "abbundanza ta' ħxejjex għall-użu tal-morda, u jekk jiġu mħawla siġar tal-lumi u larinġ, il-flotta f'dan l-istat kienet tkun mgħotija numru tajjeb ta' dan il-frott." Matul il-pesta tal-1813 il-Villa ġiet imdawwra għall-sptar dedikat lill-istess marda għat-tliet ibliet fuq dik in-naħa tal-Port u ma kienx ħlief għall-Marzu tal-1829 li l-post kien mgħoddi lill-Flotta Rjali.

Infatti kien finalment fl-1829 li ġie deċiż li Villa Bighi kella tiġi mdawwra għal Sptar Navali. Għal dan l-għan kien neċessarju li jitneħħew propjetajiet privati li kienu fil-viċinanza talartijiet tal-isptar biex b'hekk ikollhom kontroll komplut tal-Għolja tas-Salvatur. Waqt li kien qed isir xi tħaffir għall-pedamenti, xi ħaddiema sabu xi antikitajiet Eġizzjani li ġew trasferiti fil-Mużew Ingliż. L-ewwel ġebla ġiet imqegħedha mill-Viċi Ammirall Sir Pulteney Malcolm fit-23 ta' Marzu 1830. L-iskrizzjoni fuq il-ġebla tfakkar li "l-edifiċi ġew disinjati mill-Kurunell George Whitmore tal-Inġiniera Rjali mal-Viċi Ammirall Sir Pulteney Malcolm, Kmandant u Kap tal-Forzi Navali u Kummissjonant tal-Flotta Navali fil-Mediterran" u ġiet mibnija "fuq spiża tan-Nazzjon Ingliż biex isservi bħala sptar għall-baħrin morda u midruba fis-servizz tar-Re fil-ħdax il-sena tar-renju glorjuz ta' Ġorġ IV fil-preżenza tal-Kaptani tax-xwieni tal-Majestà tiegħu, l-uffiċjali tad-dipartimenti varji tas-servizz pubbliku u l-assemblea kbira ta' diversi spettaturi distinti." Id-disinn tal-isptar ta' Bighi huwa ġeneralment attribwit lill-Kurunell Sir George Whitmore (1775-1862) li kien il-Kap tal-Inġiniera Rjali bejn l-1811 u l-1829 iżda b'waqfa twila f'Korfu matul dan iż-żmien. Huwa kellu karattru kreativ u kien ukoll kapaċi ħafna fl-arkitettura iżda ma kienx xi raġel daqstant umli. Iż-żmien li għamel Korfu għamlu ħabib kbir tal-Gvernatur, Sir Thomas Maitland, iktar magħruf bħala *King Tom* li probbabilment dan reħilu aktar ir-riedni milli kien suppost.



*Dehra ta' Villa Bighi mill-Forti Sant'Anġlu (ċ. 1864)*

L-arkitett Salvatore Xerri kien appuntat supretendent tax-xogħolijiet ġodda li kienu qed isiru u bħala assistent kellu lil ħuh Gaetano Xerri. Wara l-mewta ħabta u sabta ta' Salvatore fit-23 ta' Jannar 1830, Gaetano Xerri ġie mlaħħaq minflok ħuh u s-Sur J. B. Collins sar Segretarju tax-xogħolijiet. Salvatore Xerri twieled f'Ħal-Lija, fejn għex ħajtu kollha. Missieru Saverio mgħammed f'Ħaż-Żebbuġ kien jiġi mill-Patrijott Dun Mikiel Xerri. Jidher ukoll li Gaetano Xerri kien magħżul direttament mill-Forza Navali. Fit-12 ta' Diċembru tal-1833 waqt ix-xogħolijiet f'Bighi, Hankey kiteb lid-Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet u Tiswijiet, is-Sur John Mackenzie, li, "l-E.T. il- Gvernatur kien kuntent li nnomina lill-Perit Gaetano Xerri biex jieħu ħsieb id-Dipartiment tiegħek, vakanti wara l-mewt ta' G.M. Cachia b'effet mil-ewwel ta' Jannar tal-1834." Fl-1844, Gaetano ġie ukoll imlaħħaq Assistent Supretendent tax-Xogħolijiet Pubbliċi taħt W. L. Arrowsmith.

Huwa diffiċli li tiddistingwixxi b'ċertezza min għamel xiex ġewwa Bighi imma l-ħidma flimkien ta' Whitmore, Salvatore u Gaetano Xerri u forsi xi oħrajn ipproduċiet binja mill-isbaħ li ilha ssebbaħ il-Port il-Kbir għal iktar minn seklu u nofs. Brockdorff kien ukoll għamel xi tinqix fl-1840 li juri l-kumpless fl-aqwa tiegħu, qabel ma s-sit ġie maqgħud ma' numru ieħor ta' bini, bil-Kappella tas-Salvatur dejjem tidher fuq l-orizzont lejn ix-xellug.

Ix-xogħolijiet tlestew fl-24 ta' Settembru 1832, bi spiża totali ta' £20,000.




*Postcard antika ta' Villa Bighi*



*Dehra tal-lift ta' Villa Bighi.*



*Dehra ġenerali ta' Villa Bighi mid-daħla tal-Port il-Kbir.*

L-arkitettura fuq in-naħat tal-Punent u Lvant hija ta' stil modern Doriku u mibnija b'sulari għoljin. Taħt iż-żewġ binjiet hemm passaġġ wiesgħa użat matul il-bini għat-trasportazzjoni ta' xi materjali. Ix-xogħlijiet kienu jinkludu t-twaqqiegħ tal-ġnub annessi biex jagħmlu spazju għaż-żewġ żoni li kien ippropona Dr. Snipe.

Erba' nofs kolonni massiċċi b'frontispizju fuqhom ġew miżjuda mal-faċċata tat-tramuntana b'qoxra fuq il-fil. Par ieħor ta' nofs kolonni ġew miżjuda b'mod simili mal-faċċata tan-nofsinhar biex ikompli mal-faċċata tal-Villa bl-istil arkitettoniku tal-binjiet il-ġodda.

Xi strutturi oħra ġew miżjuda fil-bidu tas-seklu li għadda meta fl-1901 ġie mibni l-blokk tal-isptar Ġenerali u fl-1903 ġew mibnija l-blokki tal-Mediċina. Il-blokk tal-isptar Ġenerali ġie mibni iktar lejn l-ilvant fil-waqt li l-blokk tal-Mediċina u il-lift ġew mibnija fuq in-naħa tal-punent tal-Villa. Il-proġett għall-lift kien infatti approvat mill-Inġinier Ċivili tal-Flotta Rjali fil-11 t' Awwissu 1906. Xi binjiet oħra jinkludu is-Sala Mentali li tinsab fin-nofsinhar tan-naħa tal-Punent, li kienet ġiet kompluta madwar l-1890, kamra tad-duħħan (għas-sigaretti) fin-nofsinhar tan-naħa tal-Lvant u blokk iktar riċenti maqgħud mal-lift.

Żewġ ċimiterji ġew allokati fl-artijiet tal-isptar fl-1840, wieħed għall-Militari Protestanti u ieħor għall-Pazjenti Protestanti. Dawn ma komplewx jiġu użati għad-dfin fl-1900 wara li l-Ammiraljat sab sit alternattiv fil-qrib tal-isptar.

L-isptar ta' Bighi kkontribwixxa għall-kura ta' diversi baħrin kull meta l-Mediterran ra ġewwa fih ostilità u ġlied. Dan għamel minn Malta "l-infermiera tal-Mediterran." Matul l-Ewwel Gwerra Dinjija (1914-1918), l-isptar Bighi akkomoda numru kbir ta' midruba mid-Dardanelli, fejn il-pazjenti ġew anke mitfugħin fil-kuruturi.

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, l-isptar kien sewwa sew fil-mira tal-bumbardament qawwi minħabba li kien mdawwar b'ħafna stabbilimenti militari. Numru mhux ħażin tal-binjiet ġew milquta jew mġarrfa għal kollox, li jinkludu it-teatru tal-*X-Ray*, in-naħat tal-Lvant u l-Punent, il-Villa u il-lift mill-ponta ta Bighi sal-isptar.

Fl-1967, matul it-tieni darba li sar ir-*rundown* tas-servizzi Ingliżi u l-ħaddiema tagħhom f'Malta, l-isptar f'Bighi kien wasal biex jagħlaq. F'Settembru tal-1970, l-Isptar ta' Bighi għalaq il-bibien għall-aħħar darba.

Kien il-Ħamis 17 ta' Settembru 1970 meta it-tabib Kaptan CLT McClintock, l-uffiċjal mediku li kien qed jieħu ħsieb, matul ċerimonja żgħira iżda sinifikattiva, ippreżenta pittura tar-Ragħaj it-Tajjeb, xogħol Ġużeppi Calì, lil Dun Ġużepp Vella, Kappillan tal-Kalkara bħala l-aħħar tifkira. Matul il-preżentazzjoni McClintock qal, "Inħossni imdejjaq li wara daqstant snin ta' servizz tajjeb tas-saħħa l-isptar ta' Bighi kellu jagħlaq il-bibien."

Fl-1977 l-iskola tas-Snajja' li kien hemm l-Isla okkupat in-naħa tal-Lvant u l-Villa, fil-waqt li naħat oħra kienu okkupati minn skola sekondarja.

Fl-1980 triq ġdida ġiet mgħoddija li kienet taddgħi mil-ġonna ta' Villa Portelli sa nofs is-sit ta' Bighi u l-isfel lejn ir-Rnella. Fl-1984 il-Villa ġiet abbandunata minħabba soqfa perikolużi u l-iskola tas-Snajja' ġiet trasferita lejn in-naħa tal-Punent. Binjiet oħra fil-kumpless tal-isptar u xi ġonna ġew imkissra jew mitlufa meta ġiet mibnija żona residenzjali fis-snin 80. Is-sala mentali qed tiġi użata mis-Soċjetà tagħna bħala maħżen tal-armar.

Il-blokk tal-Mediċina kien riċentament użat bħala bażi tal-*Media Center* tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, u bħalissa huwa użat mill-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija. Il-blokk li hemm maqgħud mal-lift kie ġie riċentament maqlub għal ċentru ta' matul il-jum għat-tfal.

Partijiet min-naħat tal-Lvant u l-Punent kienu sa ftit żmien ilu użati bħala maħżen ta' xi materjal żejjed tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Sezzjonijiet varji tal-bini fis-sit ġew prattikament abbandunati għal ħafna snin u huwa għalhekk li dan l-aħħar reġgħu saru sforzi ġodda biex jiġu rrestawrati għall-istat oriġinali tagħhom.

***Nota Editorjali:*** *Nittamaw li l-partijiet abbandunati ta' din il-binja storika jiġu rrestawrati u użati għall-benefiċċju tal-poplu tal-Kalkara, kif sar riċentement fil-Kappella tas-Salvatur.*